

Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

5308/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0801 (NLE)**

**CO EUR-PREP 10
INST 12
UEM 16
ECB**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett: **Ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew**
- Nota ta' informazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), "*Il-President, il-Viċi-President u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Regulatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew.*"
2. Permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/509¹ tat-22 ta' Marzu 2018, is-Sur Luis DE GUINDOS JURADO nħatar Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Ġunju 2018 għal mandat ta' tmien snin.
3. Permezz ta' ittra tat-12 ta' Novembru 2025, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sa Christine LAGARDE, innotat li l-mandat tas-Sur Luis DE GUINDOS JURADO għandu jintemm fil-31 ta' Mejju 2026².

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/509 tat-22 ta' Marzu 2018 li taħtar il-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 83, 27.3.2018, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/509/oj>).

² 15212/25.

4. Fis-26 ta' Jannar 2026, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni³ lill-Kunsill Ewropew biex jinħatar is-Sur Boris VUJČIĆ bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2026.
5. Fid-29 ta' Jannar 2026, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur Boris VUJČIĆ bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew.
6. Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ippreżenta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Frar 2026⁴.
7. Il-Parlament Ewropew ippreżenta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2026⁵.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma għalhekk infurmati li r-rekwiżiti proċedurali kollha ġew sodisfatti sabiex il-Kunsill Ewropew ikun jista' jadotta d-Deċiżjoni li taħtar lis-Sur Boris VUJČIĆ bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2026, kif tinsab fid-dokument EUCO 7/26.

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2026 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew ĠU C, C/2026/707, 28.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/707/oj>.

⁴ 5390/26.

⁵ 7211/26.